# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 4**

**Rikors numru 383/13 MCH**

**L-Avukat Nicholas Valenzia bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta` estera Jovanmar Agencies Limited**

**v.**

**Il-Bastiment Archon G**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fid-9 ta' Diċembru, 2014 l-attriċi talbet il-permess ta' din il-Qorti sabiex tippreżenta dokumenti li qalet li jikkonċernaw spejjeż li għamlet u li huma meritu tal-kawża li ppreżentat kontra l-bastiment

Archon G. Dokumenti li qalet li meta d-difensuri tagħha raw il-proċess wara s-sentenza tal-ewwel Qorti:

> *".... rrealizaw illi l-faxxikolu tad-dokumenti NV3 li ġie anness mar-rikors promotur ma jirriflettix il-kopji li huma għandhom fil-file copy tagħhom. Fil-fatt jidher illi dak li ġara kien li bi zvista, ġiet ippreżentata fir-reġistru tal-Qorti kopja tar-rikors ġuramentat li ma kellhiex magħha d-dokumentazzjoni finali li kellha tiġi annessa. Kemm hu hekk, jidher illi l-bastiment konvenut u l-konsulent legali tiegħu ġew notifikati bid-dokumenti korretti li, pero, ma jinsabux fl-atti tal-Qorti".*

2. Fit-2 ta' Frar, 2015 il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad it-talba.

3. B'rikors ġuramentat preżentat fis-17 ta' April, 2013 l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-bastiment Archon G iħallasha s-somma ta' US$186,085.83 in kwantu għal:

i. US$74,079 bilanċ li għad irid jitħallas ta' self għax-xiri tal-bastiment;

ii. US$81,821 bunker supplies li saru minn Island Oil Limited u li l-ħlas tagħhom hi responsabbli għalih l-attriċi;

iii. US$30,184.94 prezz ta' servizzi ta' aġenzija marittima u supplies li ngħataw lill-bastiment konvenut u spejjeż oħra li saru għall-bastiment;

4. Mar-rikors ġuramentat l-attriċi ppreżentat Dok. NV2, rendikont tal-ħlas li l-attriċi talbet mingħand il-konvenuta (fol. 8) fl-ammont ta' US$186,085.83.

5. Id-dokumenti li l-attriċi trid tippreżenta jikkonsistu f'rendikont ta' spejjeż li ssostni li saru bejn it-12 u 13 ta' Frar, 2013 b'total ta' US$49,436.64. Ċifra li tissemma fir-rendikont Dok. NV2, u dokumenti oħra relatati ma' ammonti li jissemmew fl-istess rendikont.

6. Fir-rikors ġuramentat fil-parti 'Elenku Dokumenti' jissemma ***"Dok. NV3: Statement of Account u dokumenti ulterjuri"***. Ir-rendikont NV3 (fol. 9) hu identiku għad-dokument NV2 (fol. 8). Għalhekk hu evidenti li sar żball mill-attriċi meta ppreżentat l-istess dokument għal darbtejn. Madankollu kienet il-konvenuta stess li waqt il-ġbir tal-provi, ippreżentat dak ir-rendikont għas-somma ta' US$49,436.64 (ara fol. 215-216).

7. Inoltre, fl-elenku tad-dokumenti l-attriċi ddikjarat li Dok. NV3 għandu **'dokumenti ulterjuri'**. Fil-fehma tal-Qorti kull dokument għandu jiġi mmarkat u spjegat fil-qasir f'hiex jikkonsisti, u mhux jintefgħu mazz dokumenti u jingħata riferenza waħda biss.

8. Ma' Dok. NV3 ġew preżentati dokumenti oħra li huma l-kontijiet relatati mas-servizz li tat Island Oil Limited, u li jissemmew ukoll f'Dok

NV2 bħala *'Invoices Island Oil USD81,821.89'*. Pero` ma ġewx preżentati d-dokumenti li għandhom x'jaqsmu maċ-ċifri l-oħra li jissemmew f'dokument NV2 li huma:

- Passing Corinth canal 13/3/13 US$2,369.24;
- Swift for Wilckens US$12,266.61;
- Cash to Master Mr Nkolaos US$390;
- Swift for Bunkers US$28,000;
- Bank Charges US$192.25;
- Despatch US1,1,155.20;

9. Kif ġew preżentati d-dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' Island Oil Limited u jifformaw parti minn Dok. NV3 u jissemmew fir-rendikont Dok. NV2, hu probabbli li l-attriċi riedet tippreżenta bħala parti minn Dok. NV3 id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-partiti fuq imsemmija u li jissemmew ukoll fir-rendikont ġenerali Dok. NV2.

10. Hu veru li m'hemmx prova li d-dokumenti li l-attriċi trid tippreżenta f'dan l-istadju, kienu ġew notifikati lill-konvenut. Madankollu meħud in konsiderazzjoni ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti hi tal-fehma li l-attriċi m'għandhiex tkun penalizzata minħabba dak li jidher kien *oversight*. Il-Qorti hi sodisfatta mill-ħtieġa li jkollha l-imsemmija dokumenti li wara kollox jirrelataw għall-ammonti ta' flus li jissemmew f'Dok. NV2 li hu r-rendikont tas-somma ta' US$186,085.83 li l-ħlas tagħha ntalab f'din il-kawża. Ovvjament jibqa' d-dritt tal-bastiment li jagħmel l-osservazzjonijiet li jqies li huma rilevanti fir-rigward tal-imsemmija dokumenti.

**Għal dawn il-motivi tilqa' t-talba tal-attriċi u għaldaqstant id-dokumenti mehmuża mar-rikors tad-9 ta' Diċembru, 2014 (fol. 331-345) għandhom jifformaw parti mid-Dokument NV3.**

**Spejjeż ta' dan il-provvediment a karigu tal-attriċi.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm